MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2008

Citazzjoni Numru. 433/2007

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-partijiet izzewgu, fis-26 ta' Settembru tas-sena elf disgha mija u sebgha u disghin (1997), quddiem id-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Malta, gewwa The Kingdom Hall, Mosta, kif jirrizulta mid-dokument anness u mmarkat bhala Dok. A, u

2. Illi minn dan iz-zwieg, il-kontendenti ma kellhomx tfal.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga , jew fuq id-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, *ai termini* ta' l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u

4. Illi oltre dan, l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex dina l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, m' ghandhiex taqta' u tiddeciedi billi:

Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-kontendenti ccelebrat fis-26 ta' Settembru tas-sena elf disgha mija u sebgha u disghin (1997), null u bla effett, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuta debitament notifikata ghazlet li tibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjali minn din il-Qorti fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fis-26 ta' Settembru 1997 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Minn naha taghha l-konvenuta fix-xhieda taghha qalet li hija taqbel mat-talba ta' l-attur li z-zwieg huwa null.

**Kwadru tal-fatti**
Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet, it-tnejn xhieda to Gehovah, kienu zzewgu fis-26 ta' Settembru 1997 wara li kienu ilhom johrogu flimkien circa sena. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Wara konvivenza matrimonjali ta' erba' snin, il-partijiet isseparaw *de facto*; u fil-11 ta' Dicembru 2001 iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali.

Illi mill-provi jirrizulta manifest li l-attur ma riedx tfal minn dan iz-zwieg, u din kienet proprju r-raguni principali ta' l-inkwiet kostanti bejn il-partijiet. Minn qabel iz-zwieg l-attur kien ghamilha cara lill-konvenuta li hu ma kienx ried tfal fiz-zwieg peress li hu kien iqis it-tfal bhala xkiel ghall-hajja tieghu. Il-konvenuta kienet accettat li nizjalment huma ma jkollhomx tfal sakemm jingranaw finanzjarjament; izda sussegwentement meta, wara z-zwieg, hija kienet bdiet tinsisti ma' l-attur biex jipprovaw ghat-tfal, l-attur baqa' determinat li ma jkollux tfal fiz-zwieg; di fatti l-partijiet qabblu fix-xhieda taghhom li l-att taz-zwieg bejniethom <u>dejjem</u> sar bl-uzu tal-preservattiv minn naha ta' l-attur.

Illi mill-premess il-Qorti tirravvisa fil-konfront ta' l-attur il-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] fuq indikat, stante li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali huwa, ghalkemm esternament ghadda minn cerimonja ta' zwieg, internament u b' att posittiv tal-volonta' tieghu eskluda obbligazzjoni matrimonjali essenzjali ghall-validita' taz-zwieg, dik tal-prokreazzjoni ta' l-ulied; liema fattur kien il-kawza principali tad-diversi litigji matul il-konvivenza matrimonjali qasira taghhom.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-

partijiet fis-26 ta' Settembru 1997. L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------